StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem :** ___________________________ **Klassi :** ________________________

## Taqsima A

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| partit politiku | stratifikazjoni soċjali | obbligatorja | soċjalizzazzjoni | demokratiku |
| istituzzjonijiet | settur primarju | konflitti soċjali | kostituzzjoni | identità |

1. L-iskola f'Malta għat-tfal bejn il-5 u s-16-il sena hija ________________.
2. Il-proċess ta' _______________ jgħallimna r-regoli ta' mġiba li għandu jkollna fis-soċjetà.
3. L-____________________tfisser id-differenza bejn il-klassijiet soċjali.
4. Pajjiż fejn it-tmexxija hija f'idejn ir-rappreżentanti tal-poplu hu pajjiż ___________________.
5. Il- ___________________ ta' Malta hija ġabra ta' liġijiet.
6. L-___________________ huma dawk l-aġenziji soċjali li għandhom funzjoni partikolari xi jwettqu.
7. Il-biedja, is-sajd u kull xogħol li jiddependi fuq in-natura jaqa' taħt dak tas- _________________________________.
8. Grupp ta' nies li jkollhom twemmin politiku u jikkontestaw l-elezzjoni jissejjaħ __________________.
9. L- ________________ Maltija hija magħmula minn storja, reliġjon u kultura.
10. Id-diżugwaljanza u d-diskriminazzjoni jwasslu għall-protesti u għall- __________________

**Total: 10 marki**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha;**

*Soċjetà hija grupp ta' nies li jiddependu minn xulxin u jkollhom relazzjoni bejniethom. Fis-soċjetà l-bnedmin isibu li mhux biss jiltaqgħu bejniethom iżda jifformaw grupp soċjali li jaħseb għal rasu, ifittex li jtejjeb il-qagħda tiegħu u għandu twemmin, drawwiet u valuri komuni. Pereżempju, aħna lkoll naqblu li għandna nirrispettaw il-ġenituri tagħna, nilbsu adattat meta noħorġu u ngħinu lil min ikun marid.*

1. Fisser il-kelma soċjetà?

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

2. Għaliex il-bniedem iħoss il-bżonn tal-oħrajn?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

3. X'inhu grupp soċjali? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' gruppi soċjali.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2,1,1=4)

4. X'inhuma l-valuri? Agħti **TLIET** eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2,1,1,1=5)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. L-iżvilupp tal-bniedem jiddependi mill-ħajja tiegħu fil-komunità. X’inhi komunità u kif tista’ tgħin fl-iżvilupp tal-bniedem? Agħti **ŻEWĠ** eżempji.

(2,2,2=6)

**Total: 20 marka**

**Taqsima Ċ**

**Fisser dawn fil-qosor:**

1. Il-familja tal-lum hija simetrika.
2. L-edukazzjoni hija importanti fis-soċjetà tagħna.
3. Quddiem il-liġi kulħadd huwa indaqs.
4. Għandna nibżgħu għall-ambjent naturali ta’ madwarna.
5. Ix-xogħol volontarju jista’ jgħinek tiżviluppa l-ħiliet tiegħek.

**Total: 5 x 2 marki = 10 marki**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D**

**Aqra din is-silta qasira u wieġeb il-mistoqsijiet:**

**'Il-bidla soċjali ġabet magħha bidliet fl-istil tal-ħin ħieles tal-Maltin.'**

1) Uri d-differenza li tara bejn l-attivitajiet tradizzjonali waqt il-ħin ħieles u dawk moderni.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(2, 2=4 marki)

2) Semmi **TLIET** attivitajiet tradizzjonali u **TLIET** attivitajiet moderni li jagħmlu l-Maltin waqt il-ħin ħieles tagħhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(3, 3=6 marki)

3) Agħżel attività tradizzjonali għal waqt il-ħin ħieles fil-Gżejjer Maltin u spjega kif din inbidlet matul iż-żmien.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

(5 marki)

**Total: 15-il marka**

**Taqsima E**

**Agħti d-differenza bejn:**

1. Soċjalizzazzjoni primarja u soċjalizzazzjoni sekondarja
2. Imġiba devjanti u delinkwenza
3. Familja estiża u familja nukleari
4. Normi soċjali u status soċjali
5. Il-Kunsilli Lokali u l-Parlament

**Total: 5 x 4 marki = 20 marka**

**Taqsima F**

**Ikteb madwar 200 kelma fuq WIEĦED minn dawn.**

1. L-għan ewlieni tal-edukazzjoni huwa t-tħejjija għall-ħajja. Iddiskuti b'referenza għat-tipi ta' edukazzjoni f'Malta.

2. Semmi **ĦAMES** funzjonijiet tal-familja Maltija. Għaliex ir-rwol tal-mara u tar-raġel fi ħdan il-familja Maltija nbidlu f'dan l-aħħar seklu? Xi rwol għandhom l-anzjani fil-familja moderna?

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Taħseb li f'soċjetà hemm bżonn ta' kontroll soċjali? Kif jista' jseħħ dan mingħajr ma toħnoq il-libertà tal-individwu?

**Total: 25 marki**

**Total: 100 marka**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers